MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 257/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fil-11 ta’ Ġunju 2007 li permezz tiegħu l-attrici A B ippremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-21 ta’ Diċembru 2003 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok A).

Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibbli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid u abbandun kommessi da parti tal-intimat u kif ukoll minħabba inkompatabilita ta’ karattru.

Illi miż-żwieġ twieldet tifla ossia D ta' disa' xhur u nofs u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok B).

Illi l-kontendenti ġew awtoriżżati jipproċedu għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jiġi anness u mmarkat Dok C.

Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Tafda lill-attriċi bil-kura u kustodja tat-tifla minuri D.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment għaliha u għat-tifla minuri D.

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonjiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenut f'każ ta' bżonn.

7. Tordna illi fid-dar matrimonjali għandha tgħix esklussivament l-attriċi flimkien mat-tifla minuri u dan

bl-applikazzjoni tal-artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi il-proprjeta kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi A B u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata mill-konvenut C B fit-22 t'Ottubru 2007, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

Illi filwaqt illi l-eċċipjenti qed jaqbel illi għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti, jeċċepixxi illi kienet l-attriċi rikorrenti illi wasslet sabiex dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi għalhekk l-eċċipjenti m'għandux ibagħti spejjeż ta' din l-istanza.

Illi b'referenza għat-tieni talba tal-attriċi rikorrenti, jiġi eċċepit illi ma jeżisti ebda impediment leġittimu għalfejn il-kura u l-kustodja tal-minuri m'għandhiex tibqa' konġunta; illi *se mai*, din 1-Onorabbli Qorti għandha tistabbilixxi l-ħinijiet u ġranet li fihom il-minuri għandha tkun ma' parti jew mal-oħra.

Illi b'referenza għat-tielet talba tal-attriċi rikorrenti, filwaqt illi l-eċċipjenti qed jaqbel illi għandu jibqa' jivversa manteniment għall-minuri, kemm-il darba din ma tkunx miegħu, jeċċepixxi illi m'għandux jiġi kkundannat jivversa manteniment għall-attriċi rikorrenti, *stante* illi kienet hi illi wasslet sabiex iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment *oltre* illi l-istess attriċi rikorrenti hija kapaċi taħdem u tkun finanzjarjament indipendenti. Illi għalhekk it-talba tal-attriċi għandha tiġi miċħuda in kwantu jirrigwarda ħlas ta' manteniment għaliha.

Illi r-raba’ (4) talba tal-attriċi rikorrenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tagħha, *stante* illi ma kienx l-esponenti illi wassal għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Illi hemm qbil mal-ħames (5) talba dwar ix-xoljiment, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dik il-parti fejn l-attriċi tablet l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet msemmija fir-raba’ (4) talba.

Illi b’referenza għas-seba’ (7) talba, jiġi eċċepit illi ma jeżistux l-estremi rikjesti mil-liġi sabiex tiġi applikata d-dispożizzjoni tal-ligi li għaliha qed tagħmel referenza l-attriċi rikorrenti f’din it-talba, u għalhekk din it-talba għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

Illi b’referenza għat-tmien (8) talba, l-eċċipjenti jiddikjara illi hu m’għandu ebda proprjeta’ parafernali tal-attriċi fil-pussess tiegħu, u għalhekk anke din it-talba għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta C B u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Novembru 2007 fejn ġiet nominata l-Avukatessa Josette Grech bħala Perit Legali. Sussegwentement rat ukoll ir-rapport minnha preżentat kif ukoll il-verbali tas-seduti minnha miżmuma;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Diċembru 2011 fejn bi qbil bejn il-partijiet it-talba għal separazzjoni għandha titqies bħala talba għall-ħall miż-żwieġ;

Rat l-atti proċesswali;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-Qorti għalkemm ma semgħetx il-provi fl-awla kellha okkażjoni tisma' lill-partijiet xorta waħda fir-rikorsi li saru matul il-kawża u allura ħadet idea tajba tal-partijiet u tar-raġunijiet għaliex waslu biex jisseparaw. Apparti t-tort ta' min tfarrak iż-żwieġ il-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-kustodja tal-minuri u l-aċċess, il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment li l-attur għandhu jħallas. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi separati. Il-Qorti jiddispjaċiha li *nonostante* d-diversi *"priedki"* li għamlet lill-partijiet fl-istadju bikri tal-proċeduri meta forsi kien għad hemm iċ-ċans, dawn baqgħu ma rrikonċiljawx.

TORT

Illi l-attriċi fl-affidavit tagħha (Dok DG) tiffoka fuq il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ. Tgħid li fl-għerusija meta l-konvenut kien jitkellem magħha dwar ommu, kien jikkritika ħafna u dan għar-raġuni li ommu kienet tistmah differenti minn ħutu, u tgħid li saħansitra l-konvenut kien għamel xi xhur ma jitkellimx m'ommu, pero' tikkonferma li wara ż-żwieġ ir-relazzjoni ta' m'ommu nbidlet u l-aġir ħażin fil-konfront t'ommu kien dar għal kontra tagħha.

Illi tgħid li qabel iż-żwieġ il-konvenut kien juriha ħafna mħabba u li kienet tara differenza kbira bil-mod kif kien jimxi magħha u m'ommu. Tgħid li kienet intebħet b'dan meta darba fost l-oħrajn omm il-konvenut kienet marret fid-dar ta' omm l-attriċi biex tagħti xi rigal taż-żwieġ lill-oħt l-attriċi u hemmhekk bdiet tgħid kemm il-konvenut kien rasu iebsa u supperv.

Illi tgħid li qabel iżżewġu l-konvenut kien qala' argument dwar li l-libsa tat-tieġ tal-attriċi u dan peress li din kienet ser tinxtara waqt li tal-konvenut kienet ser tinkera.

Illi tgħid li maż-żwieġ il-konvenut ma riedx tfal peress li l-ewwel għan tiegħu kien li jaqtgħu d-dejn li kien hemm mal-bank, fejn l-attriċi tgħid li l-paga tagħha kienet tmur kważi kollha f'pagamenti l-bank. Tgħid li qabel iż-żwieġ ħallset l-ammont ekwivalenti għal €25,907.29 u waqt iż-żwieġ l-ammont ekwivalenti għal €26,801.77.

Illi skond l-attriċi l-konvenut kien irrifjuta li jagħmel il-kontijiet bankarji tiegħu jidhru fuq il-kompjuter kif ukoll tikkonferma li għall-ħajja ta' kuljum kien jagħti lill-attriċi l-ammont ta' Lm60 kull ħmistax.

Illi tgħid li t-tqala ma kienetx pjanata, u l-konvenut kien ried li l-ġenituri tiegħu jgħammdu lit-tarbija għaliex il-ġenituri tal-attriċi kienu diġa' parrini tat-tfal ta' ħut l-attriċi.

Illi skond l-attriċi fit-tqala l-konvenut inbidel u kien jitrattaha ħażin tant li ma kienx jgħinha, la jwassalha x-xogħol jew jistenniha tinżel mingħand ommha u saħansitra kien jgħidilha biex toqgħod tistennih barra. Pero' f'dan iż-żmien il-konvenut kien beda jitrenja ma' *football club* u dan minkejja l-oppożizzjoni tagħha, u tgħid li kien jippreferi jmur għal futbol milli jwassalha mix-xogħol għad-dar.

Illi tgħid li meta kienet l-isptar tistenna li twelled, il-konvenut kien imur jaraha fl-aħħar ħinijiet u li dakinhar tat-twelid kien beda jaħtaf lil oħt l-attriċi meta din ssuġġeriet li jgħajtu lin-*nurses* għaliex l-attriċi kienet muġugħa ħafna.

Illi skond l-attriċi mat-twelid tat-tarbija kemm il-konvenut u kemm ommu bdew jipprovaw iwwarbu lill-ġenituri tal-attriċi mill-ħajja tal-attriċi u tal-minuri.

Illi tgħid li matul it-tqala, oħtha kienet tgħinha fil-qadi tad-dar pero' wara t-twelid, lil oħt l-attriċi u lil ommha l-konvenut kien qalilhom biex ma jersqux lejn id-dar u jħallulill-attriċi bi kwieta, u saħansitra anke beda joffendihom. Tgħid li b'din saret taf wara meta

kkuntattjat lil ommha u lil oħtha għaliex ma kienux qiegħdin imorru jarawha.

Illi l-attriċi tgħid li sussegwentement kienet ġiet omm il-konvenut id-dar matrimonjali u bdiet tgħajjat mal-attriċi. Tgħid li dan it-tilwim dam għaddej meta finalment omm il-konvenut refgħet idejha fuq l-attriċi fil-preżenza ta' missier il-konvenut u l-minuri.

Illi tgħid li hi kienet ikkuntattjat lil Fr. Colin Apap li ssuġġerixxa psikjatra pero' l-konvenut qatt ma ried jikkommetti ruħu li jmur. Tgħid li finalment kienet ikkuntatjat lill-Kappillan tal-Fgura u dan kien mar għandhom bil-għan li jipprova jsib soluzzjoni anke fuq il-magħmudija tal-minuri.

Illi tgħid li fil-festin tal-magħmudija l-konvenut kien iġġieled mal-attriċi fuq il-bżieżaq għaliex riedhom oranġjo u blu meta hija kienet laħqet xtrat bojod, roża u lela. Tgħid ukoll li hija kienet ħafret lil omm il-konvenut pero' xorta waħda baqgħu bit-tikketta għaliex anke mir-ritratt tal-magħmudija qatgħuha.

Illi l-attriċi tgħid li l-konvenut kien anke qala' ġlieda għaliex iċ-*cheque* tal-maternita' ġie riċevut fuq isimha biss, liema flus hi użathom biex tiftaħ kont bankarju għall-minuri.

Illi tgħid li l-konvenut qatt ma kien jaqbel magħha anke meta rrimarkatlu li ommu kienet neħħiet ir-ritratt tat-tieġ tagħhom u poġġiet wieħed tal-konvenut mal-minuri biss kien qalilha li sewwa għamlet.

Illi skond l-attriċi fil-*weekend* il-konvenut ma kienx irid joħroġ lilha u lill-minuri, anzi kien joħroġ għal rasu, u meta jiġi mix-xogħol kien ukoll jibqa' ħiereġ. Tgħid li beda jqatta' iljieli fuq l-*internet*, f'liema ħin ma kienx ikun iridha ħdejh u saħansitra anke neħħa ċ-ċurkett tat-tieġ minn subajh.

Illi tgħid li wara dan iż-żmien hija kienet tħossha mdejqa ħafna u kienet tgħid lill-konvenut biex immorru

l-*counselling* pero' hu ma kienx irid imur u minflok kien iġib in-nies biex jagħmlu stima tal-valur tad-dar matrimonjali mingħajr ma hi approvat li tinbiegħ.

Illi tgħid li darba minnhom il-konvenut kien qalilha li xtaq jaqleb *gay* u hemmhekk bdiet tissuspetta li din kienet ir-raġuni għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom.

Illi tgħid li meta hija xtaqet tixtri karozza l-konvenut kien oppona wkoll bil-għan li l-attriċi ma tkunx indipendenti.

Illi skond l-attriċi għall-*birthday party* ta' missier il-konvenut tas-sena 2007, hija biss ma kinetx mistiedna u sabiex żgur tiskopri dan, il-konvenut kien għamel ritratt tal-*party* fuq il-kompjuter tiegħu biex tarah.

Illi tkompli tgħid li fit-2 ta' Marzu 2007 il-konvenut kien ried imur waħdu bit-tarbija għand ommu u dan għaliex ommu ma riditx tmur iżjed għandhom filwaqt li l-attriċi oġġezzjonat, u hawnhekk il-konvenut imbuttaha bit-tarbija b'kollox u hawn kienu ġew involuti l-pulizija. Tgħid li minn dakinhar bdiet tibża tmur waħedha d-dar matrimonjali. Meta l-attriċi rritornat ġewwa d-dar tgħid li l-konvenut kien jiġri warajha u jipprovokaha filwaqt li jirrekordjaha bil-*mobile* u li fit-2 ta' April 2007 reġa' refa' jdejh fuqha.

Illi tgħid li l-konvenut kien qabad u ġibed il-flus mill-kontijiet bankarji *joint* u ma riedx imantni lill-attriċi u l-minuri b'riżultat li l-attriċi kellha tieħu passi legali.

Illi waqt il-medjazzjoni l-attriċi pruvat issajjarlu d-dar pero' l-konvenut qatt ma ried jiekol id-dar, pero' sussegwentement kien bagħtilha *message* biex tmur żewġ tiġijiet miegħu, minkejja li kien jaf li l-attriċi ma setgħetx minħabba l-minuri.

Illi tgħid li għalkemm pruvat issalva ż-żwieġ l-intenzjoni tal-konvenut kien li l-attriċi titlaq mid-dar

matrimonjali, fejn tgħid li fl-aħħar ma felħitx iżjed u bdiet proċeduri għal separazzjoni.

Illi telenka numru ta' okkażjonijiet li ssejħilhom provokazzjonijiet li jvarjaw minn azzjonijiet ta' nkejja, moħqrija fil-konfront ta' D, theddid, tgħajjir, vjolenza fil-konfront tagħha u kien joħloq sitwazzjonijiet biex jintimidaha, jinkwetaha u jbeżżagħha.

Illi skond l-attriċi permezz ta' digriet tal-Qorti huwa gie ordnat iħallas il-kontijiet tad-dar u l-pagamenti tal-*loan*. Tgħid ukoll li ġie ordnat mill-Qorti biex ma jimmolestahiex u ma jużax il-kamra tas-sodda matrimonjali. Tgħid li l-manteniment li tirċievi huwa ta' Lm80 fil-ħmistax, u ċjoe' Lm25 għaliha u Lm15 għal bintha. Tgħid li tixtieq li l-kustodja tiġi fdata f'idejha u l-aċċess fil-preżent huwa dak ta' tlett darbiet fil-ġimgħa sagħtejn kull darba, darba minnhom ikun jista' jieħu lit-tifla barra.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti tgħid li tikkonsisti fid-dar matrimonjali, f'liema tixtieq tgħix sakemm tikber it-tifla, l-*joint account* ta' Lm200 li ħa C, il-bilanċ tal-*loan* fl-ammont ta' €10,713.12, *computer*, bibien, suffitt tal-kamra tal-banju, *blinds*, magna li titrimja l-ħġieġ, poġġaman. Telenka wkoll il-proprjeta' parafernali, konsistenti f'*deposit* fuq id-dar €15,140.93, kamra tal-banju *main* u *spare*, twaħħil ta' madum fid-dar, kamra tas-sodda, saqqu, poġġaman tal-*washroom*, ħadid tal-gallarija, nofs il-*fireplace*, il-wiċċ tal-*fireplace*, *Panasonic television*, *appliances*, *aluminium*, u r-rigali tat-tieġ tal-ġenituri tagħha.

Illi tgħid li skond hi tħallsu bejn tnejn il-kamra tal-banju *spare* u l-*fireplace* u tgħid li mill-ispejjeż kollha vversati għall-benefikati fid-dar matrimonjali C ħareġ biss l-ammont ta' Lm305 filwaqt illi hija nkorriet l-ispejjeż l-oħra kollha.

Illi l-attriċi fl-affidavit ulterjuri tiffoka fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u dak li huwa parafernali.

Illi tgħid li peress li hija ħallset ħafna pagament irnexxielha tnaqqas id-debitu b'disat elef u mitejn Ewro (€9,200) filwaqt li peress li l-konvenut kien fis-sena 2007 applika u ottjena *moratorium*, kien żied l-ammonti tad-dejn b'elf u sebgħa u erbgħin Ewro (€1,047) u dan skond ma jidher minn Dok. 33B.

Illi ressqet ukoll numru sabiħ ta' ritratti tal-festin tal-magħmudija tat-tifla biex turi kemm kien kiber id-diżgwid bejn iż-żewġ familji li huma bil-kulur. Tgħid li żewġha, apparti x-xogħol normali, jagħmel xogħol ta' *stained glass* fil-garaxx u esebit xi ritratti ta' xi xogħol u stimi li allegatament jikkonċernaw lil żewġha. Tgħid li għamlet xahrejn mingħajr manteniment u mentri hi marret titlob l-għajnuna tal-*counsellors*, żewġha mar jipprova jbiegħ id-dar. Ressqet numru ta' rapporti li għamlet kontra żewġha mal-Pulizija minħabba nċidenti fid-dar li ssemmew aktar qabel, inkluż dewmien fil-ħlas tal-manteniment. Ressqet ukoll *recordings* tal-argumenti bejniethom u tat-tifla tibki għax ma riditx tmur ma' missierha fil-ħin tal-aċċess. Wara ż-żwieġ tgħid li kienet tħallas il-*loan* permezz ta' *standing order* kif ukoll b'pagament żejda permezz tal-*internet banking* li b'kollox jammontaw għal sitta u għoxrin elf, tmien mija u tmien Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€26,808.98) u dan skond ma jidher minn Dok 13 u 14, u 15-33.

Illi l-attriċi in kontro-eżami fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2011 ikkonfermat illi l-ġlied li semmiet bejn il-konvenut u ommu ma kienux isiru quddiemha pero' dan kien kliem li qalilha l-konvenut stess. Dwar il-kliem ħażin li kienet tgħid omm il-konvenut fil-konfront tagħha tgħid li dan kien sar waqt iż-żwieġ u ċjoe' wara t-twelid tal-minuri u mhux qabel. Tikkonferma li n-nuqqas ta' rispett li hija rat minn omm il-konvenut fil-konfront tal-konvenut kien li meta jasal mix-xogħol ma kienetx tlestilu l-ikel u kienet tipretendi li jsajjar hu għalih. Tikkonferma li waqt l-għerusija l-konvenut kien jimxi sewwa magħha u anke kien *affectionate*, pero' l-imġieba ħażin bdiet tarah meta beda joqrob it-tieġ. Tikkonferma li d-deċiżjoni li ma jkollhomx tfal maż-

żwieġ kienu ħaduha l-partijiet bi bqil bejniethom. Ikkonfermat li fuq ix-xogħol ma kienetx imdejqa u kellha paga tajba, u tikkonferma li qatt ma qalet lill-konvenut li kienet ser terġa' taħdem la t-tfal imorru l-iskola. Tikkonferma li mill-paga l-konvenut kien jagħti lill-attriċi sittin Liri Maltin (Lm60) kull ħmistax u li l-ammont ta' ħamsa u erbgħin Liri Maltin (Lm45) fix-xahar kienu jitwarbu għal-kontijiet. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien iġib lill-*football* qabilha u tikkonferma li ma kienx iwassalha x-xogħol qabel imur it-*training*. Tgħid li fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom kien ikollhom tilwim peress li l-konvenut ma kienx jgħin fix-xogħol tad-dar u minflok kien jibda jara t-*television* jew imur it-*training* tal-*football*. Tikkonferma li qabel it-twelid tal-minuri ommha ma kinetx tkun ta' spiss id-dar peress li l-attriċi kienet tkun spiss xogħol. Tgħid li wara t-twelid tal-minuri l-konvenut kien ħa l-*leave* biex irreġistra t-tifla, għamel xi xirjiet, mar għal-*football* u ta *service* lill-karozza u mhux kien ħa l-*leave* biex joqgħod mal-familja. Tikkonferma li peress li hi kienet ordnata toqgħod fis-sodda, dik il-ġimgħa spiċċaw kielu biss *sandwiches*. Tgħid li n-nuqqas ta' rispett minn omm il-konvenut ratu meta ma marritx l-isptar tara lill-attriċi u lit-tarbija meta twieldet. Tikkonferma li ma marritx tivverifika jekk kellhiex *postnatal depression* peress li kienet tħossha f'saħħitha. Tgħid li lil Dr. Galea kienet tkellmu minn fuq it-*telephone* u ma marritx għandu wara t-twelid tal-minuri.

Illi E prodotta mill-attriċi xehdet permezz ta' affidavit (esebit bħala Dok. AS) fejn omm l-attriċi tgħid illi dwar l-għerusija tal-partijiet hija qatt ma kellha xi tgerger anzi kellha l-impressjoni li l-konvenut kien bil-għaqal u kwiet, pero' meta kienet ġiet omm il-konvenut ġewwa d-dar tagħha kienet qaltilha li kien persuna supperv, rasu iebsa u li lilha ma kienx ikellimha. Tgħid li kienet tinnota li l-konvenut ma kienx ikun kiel għand ommu u kienet tlestilu jiekol hi meta kien ikun għandhom. Tgħid li l-attriċi kienet tagħmel ħafna sahra kemm qabel u kemm wara ż-żwieġ u dan peress li l-konvenut kien xtaq li d-dejn li kellhom jinqata' malajr. Tgħid li matul it-tqala tal-attriċi, l-attriċi kompliet

taħdem sa tmien xhur qabel it-twelid, u kienet tinnota li l-konvenut kien inbidel, u dan għaliex jew ma kienx jitkellem meta jkun għandha jew għaliex kien jaqbad argument fuq ix-xejn. Tgħid li ġieli lanqas kienu jindunaw li telaq mid-dar u li meta l-attriċi ma kinetx tkun lesta meta jgħaddi għaliha kien jaqbad u jitlaq, u tgħid li kien sar possessiv ħafna u li dejjem ried li tgħaddi tiegħu.

Illi tgħid li meta l-attriċi waslet biex twelled, hi u oħt l-attriċi kienu barra jnaddfu d-dar tal-partijiet u jippreparawlha kollox, u tgħid li x'ħin kienu lesti l-konvenut avża lil oħt l-attriċi biex ma jersqux lejn id-dar matrimonjali u jħallu lill-attriċi bi kwieta. Tgħid li anke lilha kien ħataf il-konvenut u li kien kellimha ħażin meta talbitu jagħtiha kopja tar-ritratt tat-tarbija l-ġdida. Tgħid li anke lilha avża biex ma tersaqx lejn id-dar u dan meta offriet li toqgħod jumejn hemm peress li l-attriċi kienet welldet ċesarja. Tgħid li hi u bintha l-oħra kienu ftehmu ma' omm il-konvenut biex imorru l-isptar jaraw lit-tarbija u tgħid li din ukoll kienet ħatfithom. Tgħid li meta ħarġu lit-tarbija mill-isptar il-konvenut kien illatika mal-attriċi fuq il-*video*. Tgħid li lill-attriċi kellha tgħidilha li l-konvenut kien qalilhom biex ma jersqux lejn id-dar tal-partijiet. Tgħid li dwar it-tilwim bejn l-attriċi u omm il-konvenut meta din tal-aħħar kienet ħebbet għall-attriċi, l-attriċi ma kienet infurmat lil ħadd dwar dan għal żmien twil. Tgħid li fil-festin tal-magħmudija hija bdiet tipprova tkellem lill-familja tal-konvenut pero' dawn ma bdewx jagħtuha wiċċ u saħansitra omm il-konvenut ma ridetx li missier il-konvenut jieħu ritratt magħha meta kienu huma t-tnejn parrini tat-tarbija. Tgħid li fil-festin il-konvenut beda jaqla' l-argumenti dwar fejn kienu ġew impoġġija r-rigali tal-ġenituri tiegħu u dak tal-ġenituri tal-attriċi. Tgħid li meta kienet tmur għand il-partijiet kienet tinnota li kien ikollhom tilwim bejniethom u kienet issuġġeriet *marriage counselling*. Tgħid li l-attriċi kienet qaltilha li kienet għamlet kuntatt ma' Fr. Colin Apap pero' l-konvenut qatt ma ried imur. Tgħid li hi kienet kellmet lil Dr. Michael Galea (Psikologu) dwar il-każ tal-partijiet. Tgħid li l-konvenut kien ta' spiss

jitlaq mill-kamra meta jkun hemm hi u kien jaqtalha t-*telephone*. Tgħid li ma tistax tifhem għaliex inqala' dan id-diżgwid għaliex hi dejjem għenet lill-partijiet, anke billi ħallset l-għamara tal-kamra tat-tarbija. Tgħid li l-attriċi kienet infurmata li kienet qiegħda tmur *counselling* għand Dun Pawl tal-Moviment ta' Kana. Tgħid li l-attriċi kienet infurmata li l-konvenut ried separazzjoni ta' malajr u li ried jaqleb *gay*. Tgħid li l-attriċi kienet ta' sikwit tkellimha fuq kemm kienet qiegħdha tħossha ttraduta meta stinkat daqstant. Tgħid li fuq parir ta' professjonista kienet iddeċidiet li tagħti support lill-attriċi ġo darha u dan peress li l-konvenut kien jimmolestaha u jinqeda bit-tarbija biex iweġġagħha.

Illi tgħid li f'Lulju tas-sena 2007 hi kienet fil-kamra tas-sodda ma' l-attriċi u li l-konvenut kien ipprova jaqla' nċident fejn anke kienu involuti l-pulizija. Tgħid li fil-21 ta' Awissu 2007 l-attriċi kienet neħħiet il-ħwejjeġ tal-konvenut mill-kamra tas-sodda matrimonjali u li l-konvenut beda jimbotta lill-attriċi biex jidħol fil-kamra tas-sodda u li anke kien refa' jdejh fuqha (fuq omm l-attriċi). Tgħid li darba oħra l-konvenut kien tela' bil-qalziet ta' taħt b'*mobile* fih biex jirrekordja lill-attriċi u lil ommha waqt li beda jipprovokahom. Tgħid li l-konvenut ilu jipprovoka lill-attriċi kif ukoll lill-membri tal-familja tagħha, u dan kemm fuq il-post tax-xogħol u kemm permezz tal-messaġġi fuq il-*mobile*.

Illi Dr Pawl Camilleri stqarr li l-attriċi marret għandu biex jirrikonċiljahom pero' C ma weriex rieda tajba. L-attriċi kienet allegat miegħu li kien hemm vjolenza psikoloġika u mhux fiżika fil-konfront tagħha da parti ta' C. Jgħid li dehru diverġenzi m'omm il-konvenut. Esprima li huwa ma jafx min mill-partijiet kellu t-tort.

Illi Dun Joe Vella Kappillan tal-______ *(omissis)* xehed li mar għandhom dwar diżgwid fuq l-għażla tal-parrini, għaliex C ried li l-parrini jkunu l-ġenituri tiegħu. Meta kien jiltaqa' mal-attriċi fit-triq, kienet tgħidlu dwar l-imġieba ħażina ta' C magħha u mat-tifla per eżempju jmur id-dar qabel ix-xogħol u joħdilha t-

tarbija minn idha waqt il-*breastfeeding*. L-aħħar li kellmitu kienet qaltlu li kellha tiftaħ kawża għaliex ma setgħetx tissaporti aktar. Ommu kienet tkun spiss f'darhom għal ħinijiet twal. Fil-kontro-eżami x-xhud sostna li kien jafhom lill-kontendenti *'by sight'* u li C ġab ruħu sewwa miegħu u li dawk kienu l-uniċi ilmenti li semmiet l-attriċi max-xhud. Ikkonferma li miegħu qatt ma semmiet vjolenza fiżika.

Illi Father Colin Apap xehed li kien jaf lill-attriċi u lil familja tagħha sewwa kif ukoll lil omm C. Mil-laqgħat u telefonati twal mal-attriċi, qabel u aktar wara t-twelid tat-tarbija, jsostni li huma ma kinux kapaċi jibnu relazzjoni matura mingħajr l-indħil tal-ġenituri. Wara t-twelid, il-problema aggravat u skond l-attriċi, ommu kienet tindaħal u tinfluwenza r-relazzjoni tal-koppja. L-attriċi kienet tilmenta miegħu rigward in-nuqqas ta' support, nuqqas ta' mħabba u relazzjoni ntima ma' żewġha li kienet taħseb li mhuwiex *'straight'*. L-attriċi kienet avviċinat *counsellor* għaliex xtaqet li ssalva ż-żwieġ għaliha u għat-tarbija filwaqt illi C ma riedx jaf b'*counselling*. L-attriċi kienet tikkuntattja lix-xhud kważi żżejjed, u kien jiġi aġġornat wara kull ġlieda kbira. Fil-kontro-ezami, ix-xhud sostna li permezz ta' omm C sar jaf li l-inkwiet beda qabel it-twelid tat-tarbija, li kienet aktar sors ta' firda milli għaqda. Omm l-attriċi lmentat dwar l-indħil ta' omm C, nuqqas ta' rispett u biża' ta' vjolenza fiżika. Il-biża' ġiet ikkonfermata wkoll mill-attriċi. Mistoqsi jekk kienx hemm inċidenti ta' vjolenza fiżika, jgħid li pperċepixxa l-*feeling* ta' din il-biża'. Kien avviċina lill-ġenituri u widdibhom biex ma jindaħlux għaliex flok djalogu bejn il-partijiet isir tgħajjir. Għandu l-impressjoni li l-attriċi kienet qaltlu li t-tarbija kellha xi daqqiet, kumment li jiftakar li għaddietulu wara li kien insista magħha biex tagħtih raġuni għaliex ma riditx tħalli lil żewġha jara lil bintha. Meta kkonfrontaha, qaltlu li *"mhijiex ċerta"* jew *"huma biżgħat tiegħi"*. L-indħil ta' omm l-attriċi, li ġie deskritt mix-xhud bħala massiv, kienet tattribwih għal parir legali u minħabba l-biża'.

Illi F (Dok GS1) fl-affidavit tiegħu xehed li jiġi missier l-attriċi. Jgħid li kien kuntent bl-għerusija għax il-konvenut kien jidher tifel kwiet. Mal-bidu tat-tqala, kien ikollhom argumenti banali fid-dar u C kien jissupervja u jitlaq barra. Meta jmur għaliha għand ommha jippretendi li jsibha tistennih fuq l-għatba. Jgħid li C sar possessiv u vendikattiv, bla rispett minkejja x-xogħol li għamillu fid-dar matrimonjali li kien estensiv, u anke flus li ħariġlu. Barra t-tqegħid tal-madum u l-kmamar tal-banju, dawl u ilma, jgħid li għamel kollox fid-dar matrimonjali li kienet ġiet akkwistatha fi stat ta' ġebel u saqaf, sa xtara xi materjal minn flusu u jistmah elf u seba' mitt Liri Maltin (Lm1700) barra li ħallas nofs il-kamra tas-sodda tat-tifla (wara ż-żwieġ) u ffrankalhom xi erba' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm450) għax ġab ħabib tiegħu biex jagħmlilhom il-ħadid tat-taraġ. Jiftakar li darba C qabad ġlieda ma' bintu, ħalliha d-dar t'ommha, u kellu jinżel ir-raġel ta' bintu oħra biex joħodha f'darha għaliex missierha ma kienx hemm iżda kien fi triqtu lejn l-ajruport. Jiftakar li kien jiġi pprovokat meta kien iwassal lil bintu fid-dar tagħha. Jgħid li ma kienx jirreaġixxi għax kien induna bil-makakkerija ta' C. Jgħid li jħoss li ż-żwieġ tkisser mingħajr ma kien hemm bażi fuq x'hiex.

Illi G in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ xehdet li rat l-ewwel darba lill-attriċi fil-20 ta' Mejju 2007 meta A kienet spjegatilha li żewġha kien imbuttaha u kienet ħadet passi. Fit-30 ta' Mejju 2007, iltaqgħet ma' A l-Belt kumbinazzjoni u ċemplu lil xulxin sussegwentement. Fit-13 ta' Ġunju 2007 bit-telefon A qaltilha li waqt li kienet rieqda fis-sodda ma' bintha fis-sagħtejn ta' fil-għodu qamet għax semgħet lil bintha tibki u ma sabithiex ħdejha. Żewġha qalilha li kienet waqgħet mis-sodda u li nsista li joħduha l-Poliklinika kif fil-fatt għamlu għal *"check up"*. Fis-27 ta' Ġunju 2007, A reġgħet infurmatha bit-telefon li żewġha kien ipproċeda għall-annullament u hu ma jridx jaħdem biex isolvi l-problema għalkemm kien għadu jorqod fis-sodda matrimonjali. Spjegat li lil C ma kellmitux għax mhux parti minn xogħolha. In kontro-eżami

b’referenza għall-inċident lilha rrakkontat meta mbuttaha tgħid li għamlet ċitazzjoni. Tgħid li apparti dawn iż-żewġ inċidenti, semmietilha nċident ieħor biss dwar tneħħija għall-aċċess tal-*cable* u l-*internet*.

Illi H xehdet li kienet kellmet lill-attriċi, li infurmatha li kienet ġiet ikkundannata detenzjoni fuq nuqqas ta’ aċċess tal-minuri għal missier u magħha ġġustifikat għaliex ma riditx tgħaddi lil bintha lil żewġha minħabba biża’ li jista’ jkun ta’ ħsara għall-minuri. Fis-6 ta’ Novembru 2007, A kienet ċemplitilha u nfurmatha li C kien ta’ daqqa b’minkbu f’xufftejha, u li kienet marret il-poliklinika u l-Għassa tirrapporta. Apparti dan l-inċident, kkonfermat li A qatt ma nfurmatha b’ebda inċident vjolenti ieħor.

Illi I fl-affidavit tagħha tgħid li għal bidu kellha mpressjoni tajba ta’ C, u hi flimkien ma’ żewġha kienu jiffrekwentaw lil A u C ħafna drabi, għaliex C kellu relazzjoni tajba ma’ żewġha. Dan baqa’ għaddej anke wara li x-xhud kellha l-ewwel tarbija tagħha għaliex kienu rabbew il-kunfidenza. Tgħid pero’ li meta C beda jsir midħla sew tagħhom, beda jgħawwi lil żewġha kontra ommha u ġieli anke ħoloq problemi bejnha u bejn żewġha. Tgħid li xtaqet ħafna li jkollhom tfal u tgħid li A kienet infurmatha li C kien iddeċieda li jdumu sakemm ikollhom l-ulied sakemm iħallsu d-dar. Meta kellhom it-tarbija, tgħid li kellhom kwistjoni fuq il-parrini li eskalat anke waqt iċ-ċerimonja tal-magħmudija. Tgħid li oħtha kienet tiftaħ qalbha magħha dwar il-ħajja sesswali tagħhom, fejn kienet tgħidilha li kien iħossha traskurata minn żewġha. Tgħid li l-attitudni ta’ C magħha nbidlet mingħajr ma taf għaliex. Tgħid li l-attriċi kienet infurmatha li l-ħajja matrimonjali kienet ħżienet, bl-atteġġjament ta’ C jinbidel mil-lejl għan-nhar mat-twelid tat-tarbija tagħhom. Tgħid li C ma riedx imur għal *counselling* u għalhekk fittxet l-għajnuna A waħedha biex tipprova ssalva ż-żwieġ. Sar jiddejjaq bil-kumpanija tal-familja tagħhom u juża kliem dispreġġjattiv fil-konfront t’ommha. Kienet taf meta bdew il-proċeduri tas-separazzjoni li ried ikisser iż-

żwieġ akkost ta' kollox basta jwaħħal f'oħtha. Kien jipprovoka lil A u jirrekordja dak li jaqbel lilu u t-tgħajjir tiegħu jgħidu minn taħt l-ilsien biex ma jiġix jinstema'. Kien anke jieħu ritratti u *videos* bil-*mobile* biex jipprovokaha. Kien jaħqar lit-tarbija biex jinki lil A u l-preżenza tiegħu mat-tarbija kienet tkun rari. Ġieli ħaraq subgħajn it-tarbija bil-misħun tal-għaġin biex jara lil A mikduda. Meta oħtha kienet tirribella, hu kien ikun lest biex jirreġistra dak li tgħid. Lit-tarbija kien ipoġġilha subgħajha mas-*switches*. Dan skond kif kienet tirrakkontalha A. Meta ma baqax joqgħod id-dar kien imur biex jiġbor it-tifla u jrid joħroġha anke jekk ma tkunx tiflaħ. Skond hi, kull meta kien jiġbor lit-tifla għall-aċċess, kienu dejjem jinqalgħu l-problemi.

Illi J xehed fl-affidavit tiegħu li jaħdem m'oħtu u ma' C fl-istess post tax-xogħol. L-ewwel impressjoni tiegħu kienet li C kien tal-affari tiegħu ħafna, edukat u bil-għaqal. Jiftakar lil oħtu A tgħid li d-deposit fuq il-post kienet ħarġitu kollu hi għax C kien għadu kif xtara karozza. Jgħid li sar ħafna xogħol fid-dar matrimonjali minn missier A konsistenti f'xogħol ta' tibjid, tikħil u kisi. Fit-tqala ta' A, C kien ittraskuraha, u ġieli ħalliha timxi minn dar ommha sad-dar tagħha jew taqbad it-trasport pubbliku wara ġurnata xogħol. Jiddeskrivi lil C bħala perfezzjonist, ilsienu twil, rasu iebsa, sensittiv, supperv, għajjur, u possessiv. Jgħid li kien ukoll xħiħ anke ma' martu. Jgħid li mat-twelid tat-tarbija beda l-inkwiet fil-familja, u omm C ħebbet għal oħtu l waqt il-ħlas. Jgħid li C żamm m'ommu u ħalliha xxewxu kontra l-familja ta' A. Meta A qaltlu li xtaqet tarbija oħra, qalilha tmur tgħamilha ma' ħaddieħor. Flok support, C kien jgħajjarha u jaġixxi magħha b'mod negattiv. Waqt il-festin tal-magħmudija, jgħid li kien hemm diżgwid bejn il-familji. Minkejja dan l-inkwiet, C ma riedx ifittex għajnuna. Lil A, C kien ħalliha xahrejn bla manteniment u ma riedx jiffirma l-karti biex oħtu tirċievi ċ-*children's allowance* għat-tifla. Qal li oħtu ħadet passi kontra C bil-Qorti. Jgħid li C kien juża l-provokazzjoni biex ikidd lil A li wara t-twelid kienet għaddejja mit-trawma tas-separazzjoni. Jirrakkonta li

oħtu semmietlu l-inċident ta' meta sabet lil bintha fl-art hdejn is-sodda, ta' meta C ħaraq subgħajn it-tifla bil-misħun u ta' meta rat lil bintha bid-demm f'ħalqha waqt li kienet qed tilgħab ma' C meta kienu qed jikbrulha snienha. Meta darba wassalha d-dar tagħha flimkien ma' missieru, C ħareġ jinsultahom u għax waqfulu għamel rapport lil Pulizija li kienu sawtuh. Jgħid li l-pika, l-attitudni ħażina u l-inkejja ppersistew anke wara l-ftuħ tal-proċeduri. Ix-xhud isemmi numru ta' nċidenti minuri bħal meta ma ftehmux fuq festin li A riedet tagħmel lit-tifla. Jgħid li C għad għandu ċ-ċavetta tad-dar matrimonjali u jmur bil-lejl biex taparsi jara lit-tifla.

Illi PC 988 _______ *(omissis)* ressaq rapporti li kienu saru lilu u spjega kif kien involut f'tilwima li kienet inqalgħet bejn il-partijiet u l-familja tal-attriċi iżda ma jidhirx li kien xehed fil-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontra l-konvenut.

Illi PC 864 ______ *(omissis)* ikkonfema l-istess verżjoni tal-kuntistabbli ______ *(omissis)* u ressaq rapporti li saru lilu bħala uffiċjal tal-Pulizija mill-partijiet.

Illi l-konvenut fl-affidavit tiegħu jgħid li ltaqa' l-ewwel darba ma' A fuq il-post tax-xogħol. Meta beda joħroġ ma' A nduna bir-rabta kbira li kien hemm bejn A, ommha u oħtha. E u F, omm u missier A kienu separati iżda jgħixu taħt saqaf wieħed. Mill-ftit ħin li kien ikun għandhom fil-għaxijiet ġieli assista għal tgħajjir bejn omm A u missierha, dagħa, kliem baxx, offiżi lil xulxin, missierha fis-sakra u ħuha K bi problema ta' droga u kienu jiġu nvoluti pulizija u avukati. C ma kienx imdorri b'dawn l-affarijiet. A kienet iżżomm m'ommha u takkużah bi tradiment. Omm A, E kienet possessiva u toħloq argument bejniethom. Wara disa' xhur xtraw post, u ċjoe' f'Mejju 2003. Ħafna drabi kien imur jagħmel xi xogħol fil-post, bħal dawl u ilma ma' missieru. A rari kienet tmur fil-post u ommha kienet tgħidilha *"sewwa tagħmel binti, dak mhux xogħol tan-nisa"*.

Illi C jirreferi għal problema li kellha A qabel iltaqgħet miegħu u li qaltlu biha A stess li biex issolviet siefret ma' ommha. Iżda ma jispeċifikax xi problema kienet għalkemm jagħti x'tifhem li għamlet abort. Kienet qaltlu wkoll li kellha kumpanija xejn tajba bi problemi tad-droga.

Illi meta hu u A kienu jmorru għand oħtha I u żewġha L nnota argument bejn il-familjari ta' I (F u E) u l-familjari ta' L. L kien jgħid lil C kemm hi fitta E, tindaħal dejjem u torqod ġranet infila fid-dar tagħhom. Spiċċa jieħu *sick-leave* u pinnoli tad-dipressjoni. E kienet tgħid lil I biex twissi lil L b'ittra minn avukat.

Illi jgħid li qabel iżżewġu hu u A kienu jħallsu l-*loan* tal-post flimkien indaqs.

Illi nqalgħu argumenti dwar *reception* tat-tieġ u l-libsa tal-għarusa għax riedha tikri waħda jew tixtriha wżata.

Illi ftit wara ż-żwieġ beda l-indħil kontinwu t'ommha. A baqgħet taħdem u damet sa ftit qabel it-twelid tat-tifla. Il-kont tal-*loan* għamluh jinqata' minn fuq il-kont tiegħu. Hi ġieli qatgħet mid-dejn ukoll. Nhar ta' Sibt kienet tmur għand ommha fl-10 ta' fil-għodu u tiġi lura fit-8 ta' fil-għaxija. Hu kien iżur lil ommu u missieru f'darhom iżda għal ftit ħin biss. Kien jagħmel xogħol *extra* u jmur jilgħab il-futbol. Kien jgħin ukoll fix-xogħol tad-dar.

Illi f'Diċembru 2005 saru jafu li A tqila. Ommu ġieli offriet l-għajnuna iżda A qaltilha li ma kienx hemm bżonn. Mat-twelid tat-tarbija b'ċesarja beda l-inkwiet bejn il-familjari, kwistjonijiet fuq għandhiex tieħu efidrina jew le, u kulhadd jgħid tiegħu. Lura d-dar E pretendiet li torqod magħhom u l-preżenza t'ommha u oħtha kienet saret persistenti u A bdiet taġixxi b'mod differenti ma' C. Weħlet omm C li ma riditx lil E tmur torqod magħhom u A ma riditx aktar li M (omm C) tgħammed lit-tarbija u beda t-tgħajjir lil M

fuq it-telefon. Kienu jsemmu l-karattri, difetti, membri oħra tal-familja etc.

Illi C ipprova jirranġa permezz ta' ittra lil A, iżda għalxejn. Għamel tliet (3) kundizzjonijiet li webbes rasu dwarhom. Iż-żjarat ta' niesu bdew isiru diffiċli u kienet timpedih milli jmexxi l-*push chair* meta joħorġu. Maż-żmien bdiet tagħmel rapport l-għassa tal-pulizija għax kienu sikwit jilletikaw fil-preżenza t'ommha. Meta tkun f'idejhom ma kienux iħalluh imiss it-tarbija. Ħafna drabi wara x-xogħol ma kien isib xejn lest. Jgħid li kien hemm indħil kontinwu minn ommha. Kellem lil Dun Pawl u qallu li biex ikompli jmur għal *counselling* A kellha: tirtira bil-miktub l-allegazzjonijiet li kienet għamlitlu mal-pulizija; titlob skuża lilu u lill-familjari tiegħu tal-offiżi li kienet għamlet u twiegħed li ma tħallix lil ommha tindaħal bejniethom.

Illi fis-27 ta' Frar 2007 A għamlet proposta biex jisseparaw bonarjament biex jiffrankaw l-ispejjeż. Oħtha qaltilha ftit wara quddiem C biex tibdel fehmitha. Il-ġimgħa 2 ta' Marzu 2007 ġabitlu l-pulizija iżda ma kellha xejn x'tgħidilhom għax hu ma kienx sawwatha. Dakinhar stess hi, oħtha I u ommha għajruh tgħajjira kbira.

Illi saru xi laqgħat ta' medjazzjoni iżda kienu mingħajr frott. Ma kienx hemm triq oħra għalihom u kien kostrett li jitlaq mid-dar matrimonjali għax il-kmamar tas-sodda u tal-banju ma kinitx tħallih jużahom. Issekwestratlu l-paga u ma kinitx tħallih jersaq lejn it-tifla, b'ommha dejjem preżenti. Hu beda jieħu *recordings* u ritratti li għalih kienu jidhru siewja. Jagħmel lista t'offiżi magħmulha minn A. Ġiet maħtura *social worker*, Josette Camilleri, li fir-rapport tagħha kitbet: *"C għandu relazzjoni tajba ħafna ma' bintu u kapaċi jagħraf dak li hu l-aħjar għaliha"* u *"C huwa matur biżżejjed biex jagħraf x'inhu logħob perikoluż meta jkun jilgħab mat-tifla u żgur li m'għandu l-ebda ntenzjoni li jpoġġiha f'xi periklu"*.

Illi f'dan iż-żmien A kienet tqatta' jiem sħaħ barra mid-dar u ma tersaqx lejn id-dar bit-tifla. A għażlet li tinjora d-digriet tal-Qorti li tagħtih aċċess għat-tifla. Ċaħħditu mill-aċċess għat-tifla aktar minn tliet (3) darbiet u ta' dan l-aġir A dejjem nstabet ħatja. C jelenka drabi meta A instabet ħatja u weħlet ċanfir, detensjonijiet, multi kif weħlu wkoll ommha, missierha u ħuha.

Illi meta ma kienx fil-ħin il-manteniment jgħid li kien għaliex ma kienx isibha d-dar jew ma tkunx iffirmat l-irċevuta. Wara ftit il-manteniment beda jinqata' dirett mill-paga.

Illi jgħid li waqt il-proċeduri ta' separazzjoni kienu naqsu numru ta' oġġetti mid-dar marimonjali, liema oġġetti ġew mixtrija fiż-żwieġ kif ukoll xi dokumenti importanti. Jgħid li kienu sarulu diversi vendikazzjonijiet fuq affarijiet tiegħu personali u jgħid li kien ukoll qala' xebgħat, daqqiet ta' ponn, grif u gdim fost oħrajn mingħand l-attriċi u l-familja tagħha, pero' jgħid li hu dejjem qaghad attent u ġab lill-minuri quddiem għajnejh u dan għaliex ma riedx li jitlef l-opportunita' li jqatta' ħin mal-minuri.

Illi jgħid li hu jinteressah l-interess ta' bintu u li anke attenda seminar dwar *Marital Seperation Understanding and Meeting the Needs of Children* organiżżat mill-Malta Institute of Medical Education.

Jgħid li meta jkollu l-aċċess mal-minuri, l-attriċi ta' spiss tgħajru li jinteressah biss fil-minuri disa' siegħat fil-ġimgħa, u ċjoe' l-ħin li għandu allokat għal-aċċess. Jgħid li hu kien ħa l-interess fis-sena 2009 biex jitlob lill-iskola fejn kienet ser tattendi l-minuri biex jibagħtu kopja tal-korrispondenza lilu wkoll. Jgħid li fuq il-lista tal-persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati f'kaz ta' emerġenza għal-minuri, l-attriċi niżżlet isimha, isem oħtha u isem ħuha l-kbir minflok tiegħu.

Illi jgħid li fuq id-dar matrimonjali għad hemm xi dejn mal-bank, u jgħid li meta kienu xtrawh, bl-arja u l-garaxx kien jiswa l-ammont ta' tmenin elf Lira Maltin

(Lm80,000) *finished* u mhux *furnished*. Jgħid li fid-dar matrimonjali l-konvenut għamel diversi xogħlijiet li wieħed ma jistax jagħti prezz fuqhom, pero’ hu jistma li x-xogħol tiegħu kien jeċċedi l-ammont ta’ erbat elef, sitt mija u sittin Ewro (€4,660). *Oltre* minn hekk jgħid li għamel xogħol ta’ dawl, ilma, *intercom*, gas u *telephone* bl-għajnuna ta’ missieru liema xogħlijiet jammontaw għal sitt elef u ħames mitt Ewro u sebgħin ċenteżmu (€6,500.70).

Illi l-konvenut xehed in kontro-eżami fis-seduta tal-14 ta’ Settembru 2010 fejn qal li kien jgħin lill-missier l-attriċi fix-xogħlijiet li dan kien jagħmel fid-dar matrimonjali, u dan billi kien jagħmillu l-taħlita, jmur jixtrilu, iwaħħallu l-affarijiet u ġieli wasslu d-dar. Jgħid li l-attriċi ma kienetx tmur ta’ spiss apparti fl-aħħar tlett xhur biex taħsel il-madum. Jgħid li bi qbil l-attriċi waqfet taħdem ftit qabel ma twieldet il-minuri, pero’ jgħid li l-attriċi kienet tal-opinjoni li terġa toħroġ taħdem ladarba l-minuri tibda tmur l-iskola. Jgħid li l-ħlasijiet *extra* fil-kont tal-*loan* kienu jitħallsu skond il-kumdita’ tal-partijiet pero’ bil-paga tiegħu kienu jitħallsu l-ispejjez tal-għixien tal-partijiet. Jgħid li ommu qatt ma refgħet idejha fuq l-attriċi u jgħid li ma kienetx tibda l-inċidenti skond ma ddikjarat l-attriċi fl-affidavit tagħha. Jgħid li d-deċiżjoni li jisseparaw kienet ittieħdet f’Marzu 2007. Jgħid li l-appuntament ma’ Dun Pawl kien sar pero’ tħassar peress li kien hemm id-deċiżjoni li jipproċedu bis-separazzjoni da parti tal-attriċi. Jgħid li fir-rigward tar-*recordings* li semma fl-affidavits tiegħu dawn kienu notamenti li kien ħa pero’ llum jaħseb li ramihom. Jgħid li fid-dar matrimonjali il-kamra tas-sodda matrimonjali u dik *spare* kienu msakkrin u b’hekk ma setax jorqod hemm, pero’ jikkonferma li hemm tlett ikmamar tas-sodda fid-dar. Jgħid li l-Perit N huwa prim kuġin tiegħu, u jgħid li t-toqba tal-*fireplace* kien għamilha hu u mhux missier l-attriċi u in fatti kien kera *“jigger”* biex għamilha. Jgħid li l-aċċessorji fil-kamra tal-banju weħħilhom hu, filwaqt li l-attriċi kienet għenet fit-twaħħil tal-bordura, *curtain rails* fil-*main bedroom* u fiż-żebgħa. Jgħid li l-*fireplace* hu kien iddisinnjah u

mhux l-attriċi u li t-tħaffir quddiem il-*garage* sar minnu u minn missieru biss, pero’ fix-xogħol ta’ ġewwa l-*garage* kien għenu missier l-attriċi. Jgħid li fir-rigward tal-aċċess għandu problema li jgħati pre-avviż minħabba r-*roster* tax-xogħol tiegħu.

Illi ma jaqbilx li missier l-attriċi kien xtara l-kamra tas-sodda tat-tifla, pero’ jgħid li jista’ jkun li l-purtieri tal-*main bedroom* u l-*open plan* inxtraw qabel iż-żwieġ mill-attriċi.

Illi jgħid li l-*bank charges* fuq Dok. CNG 12 huma mniżżlin darbtejn bi żball għas-sena 2000. Jgħid li l-ammont ta’ disa’ mitt Liri Maltin (Lm900) taxxi u bolol kien ħallshom hu, pero’ ma jafx jekk l-attriċi ħallsitx iċ-ċens.

Illi jgħid li l-Legal and Professional fees f’CNG12 ta’ wieħed u tmenin Liri Maltin (Lm81) ma jiftakarx jekk dawn ġewx rifużi.  Jgħid li ma jafx x’ħarġu l-partijiet għall-*aluminium* u l-i*stained glass*. Jgħid li l-*intercom* kien ħallasha minn *vouchers* li kien ingħata mix-xogħol. Jgħid li jista’ jkun li l-*loan* ġie estiż bi tliet elef Liri Maltin (Lm3,000) biex jitħallas il-Banju Boutique. Jgħid li l-frix tat-torba, iż-żebgħa kien sar minnu u minn missier l-attriċi, filwaqt li hu u missieru kienu għamlu d-dawl, għal-liema ma kienx hemm l-għajnuna ta’ missier l-attriċi. Dwar l-alkoħol tat-tieġ il-konvenut jgħid li jista’ jkun li kien ta’ xi flus lill-attriċi biex din tħallas hi peress li ma kellux *cheque book*. Jgħid li l-ħadid tat-taraġ jista’ jkun li sar fiż-żwieġ. Fir-rigward il-wiċċ tal-*fireplace* jgħid li kien għadda xi flus lill-attriċi biex ħallset hi. Jikkonferma li kien jieħu *videos* u *recordings* biex ikollu x’juri wara pero’ jiċħad li joħloq provokazzjoni biex ikun jista’ jirrekordja. Jgħid li l-ġenituri ta’ A kienu jkun spiss fid-dar tal-partijiet meta l-attriċi ma kienetx tkun xogħol. Jgħid li l-*insurance* tal-post ilu ma jitħallas u l-aħħar li ħallas kien il-konvenut pero’ ma jiftakarax jekk dan ħallsux mill-kont bankarju tal-minuri, pero’ meta ġie muri d-dokumenti tal-bank jgħid li jista’ jkun. Jgħid li hu

jipparteċipa fil-*classes* tal-*aerobics*, roti, futbol, drama u dilettant tal-fotografija.

Illi O B (missier il-konvenut) jgħid li wara li xtraw il-post hu kien jgħin lill-ibnu fl-istallazzjoni tad-dawl u xi xogħol ieħor. A ftit kien jaraha l-post għax kienet tgħid li hi *"close"* ħafna m'oħtha l u m'ommha. Waqt it-tqala kienu jidhru kuntenti. Wara t-twelid b'ċesarja beda l-inkwiet għax omm A riedet tmur tgħix magħhom iżda C ma xtaqx dan għax kien ħa *leave* biex ikun ma' A. F'daqqa waħda, ftit wara t-twelid A bdiet iċċempel lil M u toffendiha u tgħajjarha għal xejn b'xejn għax ma kinitx tat każha waqt il-ħlas u tgħid li ser jinqala' nkwiet kbir bejn il-familji. M kienet tieħu qata' meta kien iċempel it-telefon. O kien jgħidilha biex il-problemi jsolvuhom bejniethom mingħajr indħil ta' ħadd.

Illi Aktar nkwiet inqala' fil-magħmudija. Ma riditx lil M tgħammed it-tifla ma' missier A, F. Riedet li jgħammed O, missier C, ma' E, omm A biex M tibqa' barra. Matul iċ-ċerimonja u l-festin il-familjari ta' A kienu ostili, injorawhom tant li telqu qabel inqasam il-kejk. X'ħin kienu neżlin it-tarag, A bdiet tgħajjarhom *"annimali"* għax kienu telqu baxx baxx.

Illi wara dawn l-inċidenti A ma kinitx tħalli lil C jieħu t-tarbija għand il-familjari tiegħu bl-iskuża tal-*breast feeding*. Bdew imorru huma biex jaraw it-tarbija fid-dar ta' C u A, pero' kienet iġġib l-iskużi biex ma tħallihomx jaraw it-tarbija u ma kinitx tieħu pjaċir bihom. Darba, waqt li kienu għand A, M u hi tlewmu. M qaltilha li la tikber it-tifla tgħidilha kif kienet iġib ruħha magħha, ma' M. A wieġbet li meta t-tifla tikber, M tkun ilha ġol-qabar u hi tieħu lit-tifla tiżfen u tobżoq fuq qabarha. Minn dakinhar waqfu iżuruhom ġo darhom, waqt li l-inkwiet baqa' dejjem jikber.

Illi lil C, A ma baqgħatx issajjarlu jew taħsillu ħwejġu. Sikwiet kien isib lil E, omm A, f'postu fis-sodda meta kien jidħol lura d-dar wara x-xogħol. Kienu jaħbtu għal C u jissakkru ġewwa waqt li hu jkollu jorqod fuq is-

sufan. Il-kamra tas-sodda u l-kamra tal-banju ġili sabhom imsakkrin biex ma jkunx jista' jidħol fihom. Dak iż-żmien C mar joqgħod f'dar missieru sa x'ħin jikkalmaw l-affarijiet iżda kien kollu ta' xejn.

Illi darba waqt argument bejniethom għax ma riditux joħroġ lit-tifia C imbuttaha dlonk sejħet lil pulizija u qaltilhom li C kien sawwatha. C ċempel lil missieru u O mar jara x'kien ġara. O sab erba' pulizija u lil C bil-qegħda kalm fuq is-sufan. X'ħin staqsewha għaliex kienu tlewmu qaltilhom li C ried joħroġ u qalulha li C kellu dritt jagħmel dan għax dik bintu wkoll.

Illi ftit wara reġa' mar biex joħroġ it-tifla u ma ħallietux. C mar jagħmel rapport fl-għassa tal-________ *(omissis)* u x'ħin ħareġ mill-għassa sab lil missierha F u ħuha K jistennewh barra fil-karozza u dawn ħebbew għalih. Ħelisha ħafif bl-għajnuna tal-pulizija.

Illi ftit wara bdew il-proċeduri tas-separazzjoni. C ġie ordnat iħallas il-manteniment ta' martu u ta' bintu, wara ftit ġie mċaħħad milli jidħol ġo daru iżda seta' jmur jieħu t-tifla għal ħin tal-aċċess.

Illi in kontro-eżami jgħid li dwar l-argument bejn martu u l-attriċi, martu ma kienetx ħebbet għall-attriċi pero' kienu resqu lejn xulxin. Jgħid li s-sitwazzjoni soffokanti fir-riċeviment tal-magħmudija ma nħolqitx minħabba li martu ma kinetx parrina. Jgħid li jaf li l-attriċi ma kienetx tħalli lill-konvenut joħroġ bit-tarbija għaliex kien jgħidlu l-konvenut. Jgħid li jaf li omm l-attriċi kienet torqod fis-sodda matrimonjali minn dak li qallu l-konvenut. Jgħid li hu lanqas ma kien preżenti meta l-konvenut ġie msawwat mill-attriċi u mill-familjari tagħha.

Illi M B (omm il-konvenut) fl-affidavit tagħha tgħid li ltaqgħet l-ewwel darba ma' A fil-Jerma fil-11 ta' Settembru 1999. L-ewwel impressjoni tagħha kienet tajba pero' ftit ħafna kienet tmur f'darhom. Dwar id-dar futura tagħhom qalet biss biex joqogħdu attenti minn ħafna taraġ u li jkollhom bejt tagħhom. Ma kinitx

iżżurhom, skond C għax kienet tkun għajjiena wara x-xogħol.

Illi saret taf lil E, omm A fil-knisja u f'xi funzjonijiet u waqt li hi kienet tkun ma' żewġha, E kienet tkun mal-ħbieb iżda qatt ma qalet xejn dwar dan la lil C u lanqas lil A. Ġili tathom xi *voucher* ta' flus. Ftit kienet iżżur id-dar matrimonjali għalhekk żewġha kien qed jagħmel xi xogħol fl-elettriku. Fl-għerusija meta kienu jkunu f'darha C u A kienu jitlewmu u A kienet ta' spiss issemmi lil ommha u lil oħtha u C kien ikun irritat u jgħid *"Għax hekk qalet ommok ... oħtok!"*

Illi għall-prova tat-tieġ fil-knisja marret M flok binha għax kien ma jiflaħx u hi u ommha firxulhom is-sodda għall-ewwel darba. Wara t-tieġ kienu marru Għawdex flimkien, A u C u l-ġenituri ta' C u ħadu pjaċir flimkien.

Illi fis-sentejn ta' wara żwieġ ir-relazzjoni bejn M u żewġha u A kienu tajbin iżda kienet tkun prudenti ħafna fil-konfront ta' A u qatt ma marru għandhom għal għarriedha. C kien jgħidilna *"kissirtulna l-għatba tagħna"*. Tgħid li kienet taħseb fihom u titlob għalihom matul t-tqala. A welldet b'ċesarja f'jum ikrah u mudlam.

Illi ħabta u sabta s-Sibt, 19 t'Awissu rċeviet messaġġ insolenti fejn qaltilhom *"la darba C qalagħli l-inkwiet mal-familjari tiegħi jien naqlagħlu l-inkwiet ma' tiegħu"*. Meta ċemplet id-dar tagħhom bdiet tgħajjarha u toffendiha. Kompla dan l-aġir bi kliem kattiv u takkużha tant li ħasbet li A kienet qed tbagħti minn P.N.D. Il-messaġġi komplew bi kliem iebes. Meta tkellmet ma' C qalilha li dan kien ilu sejjer u sikwit kien isofri minn offiżi bħal dawn. Qal li omm A kienet qed tkun għandhom kontinwament u tindaħal f'kollox. Meta darba lil A waqt *breastfeeding* qalilha tibdel sidirha għajrietu b'ommu li kienet għaddiet minn *"breastectomy"*.

Illi meta xi drabi kienu jżuruhom l-aġir ta' A kien ikun ostili, biered u nieqes minn kull rispett. Darba C

qalilhom biex ma nżuruhomx aktar u hekk għamilu. Waqt il-festin tal-mgħamudija kienet *"sitwazzjoni tal-biki flok ta' ferħ"*. A u ommha t-tnejn tawhom il-ġenb, dehru li ma ħadux gost bir-rigali, sa qaltilha *"ma nħallikx tibbondja mat-tifla"*. Ma reġgħux żaruhom; qatt ma kienu jħossuhom milqugħin u darba qaltilha *"sa x'ħin tikber it-tifla int tkun ilek mejta u nġibha tiżfen u tobżoq fuq il-qabar tiegħek"*. Darba qalet lil O fuq it-telefon li kienet qed tistenniha titlobha skuża biex jirranġaw l-affarijiet. Biex forsi toħroġ lil C minn dan l-inkwiet umiljat ruħha u talbitha skuża. Meta għamlet dan infexxet f'tgħajjir u nsulti u kliem baxx. L-aħħar li rat lit-tifla kien f'nofs Frar 2007 u fil-25 t'Ottubru 2007. Kien jgħid li ġiili kien isib lil ommha rieqda f'postha u hu jkollu jmur jorqod fuq is-sufan. Ġili ratlu grief fuq wiċċu, kien naqas u qalbu dejjem sewda. Meta bdew il-proċeduri tas-separazzjoni ġieli kien jieħu t-tifla għandhom u kienet tqatta' l-ħin hemmhekk.

Illi M B in kontro-eżami tgħid li l-*vouchers* li kienet taqla' hi kienu mill-iskola u kienet tagħtihom lill-partijiet, u tgħid li l-aħħar wieħed kien fl-ammont ta' Lm45. Tgħid li hi qatt ma ndaħlet jekk ma kienx idaħħluha l-partijiet fl-għażla tat-*tiles*, u tgħid li l-attriċi ma kienetx tieħu interess peress li kien jgħidilha żewġha. Tgħid li l-familja tagħha ma kienux jiffittaw lill-partijiet u kienx jagħmlu ċerta affarijiet biss meta jgħidilhom il-konvenut. Tgħid li taf li l-attriċi ma kienetx tkun id-dar għaliex kien jgħidilha l-konvenut jew għax kienet iċċempel jew tibgħat *message* lill-attriċi. Tgħid li meta skużat ruħha mal-attriċi ma kienx jidhrilha li għamlet xejn ħażin. Tgħid li l-inċident li semmiet f'paragrafu 64 tal-affidavit tagħha kienu qalulha dwaru żewġha u binha P. Tgħid li taf li l-attriċi ma kienetx issajjar għall-konvenut għaliex kien imur jiekol għandha u dwar il-ħasil tal-ħwejjeġ, taf minn dak li qalilha l-konvenut. Tgħid li dwar l-allegat abbuż sesswali, l-minuri qatt ma qalet xejn quddiemha.

Illi P B fl-affidavit xehed illi lill-attriċi ftit kien raha matul l-għerusija u jgħid li l-konvenut kien ta' spiss ikun il-post tagħhom jaħdem. Jgħid li l-attriċi kienet iżjed

moħħha fil-preparament tat-tieġ u li lil ommu kienet involvieta darba biss. Jgħid li wara ż-żwieġ hu ġieli mar fid-dar tal-partijiet u dan wara li jkun bagħat messaġġ lil ħuh biex jara hux komdu għalihom li jmorru. Jgħid li meta kienu ġew infurmati li l-attriċi kienet tqila tgħidx kemm kienu ferħu u jgħid li l-konvenut kien iffissa fuq il-miġja tat-tarbija tant li kien jieħu *videos* ta' kull avveniment tal-*pregnancy*. Jgħid li l-konvenut kien qalilhom biex ma tantx imorru d-dar tagħhom meta twieldet it-tarbija u dan minħabba xi mikrobi li seta' kellhom u qalilhom biex jaħslu jdejhom sew meta jerfgħu lit-tarbija. Jgħid li meta waslet biex twelled, ommu kienet telqet mill-*camp* tal-iScouts biex tmur tieħu ħsieb lill-attriċi pero' mbagħad meta wasal il-konvenut ħarġet għaliex ħasset li kien aħjar li jkun hemm hu mal-attriċi. Jgħid li wara t-twelid tat-tarbija jiftakar li kien hemm xi argument bejn il-partijiet meta kienu sejrin id-dar pero' ma jafx fuq hiex u assuma li kien xi ħaġa normali minħabba l-istress tal-partijiet. Jgħid li nnota li omm l-attriċi riedet tmur tagħmel xi jiem għand il-partijiet u dan beda jikreja ċerta tensjoni bejn il-partijiet. Jgħid li jidhirlu li l-attriċi kienet qiegħda tbati minn *post natal depression* u dan peress li kienet anke għajret lilu għaliex ma kienx qiegħed imur għandhom ta' spiss u sussegwentement kienet anke ċemplitlu biex tgħidlu li kienu riedu jorqdu kmieni wara x-xogħol. Jgħid li hu kien ta' parir lill-konvenut biex jagħmel ittra biex jekk kulhadd jaqbel, il-familji tal-partijiet ma jmorrux iżuruhom u b'hekk ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin waħedhom. Jgħid li fir-riċeviment tal-magħmudija spiċċaw żewġ familji 'l bogħod minn xulxin, b'konsegwenza li kellhom jitilqu u jgħid li meta A ħarġet mill-kamra fejn kienet instemgħet tgħid kliem dispreġjattiv fil-konfront tal-familjari tal-konvenut peress li kienu telqu.

Illi in kontro-eżami xehed li jaf li l-attriċi rari marret il-post tal-partijiet qabel iż-żwieġ skond ma kien jgħidlu ħuh. Jgħid li hu kien preżenti waqt it-tieġ fejn missier l-attriċi kien beda jitkellem ħażin mad-*driver* li kellu jwasslu u dan peress li kien xurban u d-*driver* ma riedx irikkbu. Jgħid li kien jaf personalment li omm l-

attriċi kellha tmur tqatta' xi jiem mal-partijiet wara t-twelid tal-minuri u dan peress li kien hemm meta ntqal dan id-diskors. Jgħid li jaf li l-attriċi riedet lil ommha u lil oħtha preżenti d-dar tal-partijiet skond ma kien qallu l-konvenut. Dwar inċident fejn l-attriċi bdiet tgħajjar lill-omm il-konvenut, dan jafu għaliex kienu tkelmu l-ġenituri tiegħu quddiemu. Jgħid li meta l-attriċi qalet lil omm il-konvenut li la tikber il-minuri omm il-konvenut tkun mejta u tiġi taqbeż u tobżoq fuq il-qabar tagħha, jgħid li hu kien preżenti f'din l-okkażjoni. Jgħid li hu ma kienx preżenti fejn omm il-konvenut ħebbet għall-attriċi u jgħid li t-tensjoni fil-festin tal-magħmudija ġrat minħabba l-affarijiet kif seħħew. Jgħid ukoll li dakinhar tal-festin kull familja ħadet ritratti għaliha. Jgħid li meta semma nċident fejn daħlu l-pulizija bejn il-partijiet hu ma kienx preżenti waqt dan l-inċident u lanqas jaf x'xhedu l-pulizija. Jgħid li jaf li l-attriċi waqfet issajjar għall-konvenut peress li kien qallu l-konvenut. Jgħid li l-konvenut kien qallu dwar inċident li kienet sejjer iddawwar fuqu l-attriċi. Fir-rigward tal-*private investigator* li semma fl-affidavit tiegħu, jgħid li ma jafx minn kien ħallas lill-*private investigator*.

Illi Spettur Q esebixxa erbgħa u tletin (34) rapport li kienu saru mill-konvenut fl-Għassa kontra A B, primarjament rigwardanti d-diffikultajiet li kellu biex jara lil bintu D.

Illi huwa stabbilit skont l-artiklu 40 tal-Kodiċi Ċivili li l-Qorti tista' tippronunzja s-separazzjoni bejn il-miżżewġin jekk dan jirriżultalha anke jekk ebda waħda mill-partijiet ma tindika dan (u ċjoe' t-tifrik irrimedjabbli) bħala raġuni għas-separazzjoni. Qed jingħad dan għaliex huwa ċar għall-Qorti li din hija r-raġuni preponderanti għaliex iż-żwieġ tfarrak u ma hemmx dubju li għandha tiġi milqugħa t-talba għas-seprazzjoni. Il-partijiet indubbjament saru inkompatibbli biex jgħixu flimkien. Il-Qorti taqbel ukoll minn dak li semgħet hija stess fid-diversi depożizzjonijiet tal-partijiet quddiemha li filwaqt li l-attriċi baqgħet xi ftit dipendenti fuq il-ġenituri tagħha,

il-konvenut huwa rasu iebsa u ma jbiddel xejn l-opinjoni jew atteġġjamenti tiegħu akkost ta’ kollox.

Illi għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f’dan l-aspett u żżid li l-partijiet sabu ruħhom ġo *‘sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l’ abitazione e la vita comune’*. (**“Caterina Agius vs Benedict Agius”** – deċiża mill-Prim’ Awla fit-13 ta’ Ġunju 1967). Naturalment billi f’din il-kawża ma hemmx kontro-talba, xi tort li jista’ jkollha l-attriċi ma huwiex raġuni għall-akkoljiment tat-talba għal pronunzjament tas-separazzjoni iżda naturalment il-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talbiet tal-attriċi.

KURA U KUSTODJA TAL-MINURI

Illi l-partijiiet indubbjament iħobbu lil binthom u hija sfortuna li minħabba s-separazzjoni ħin l-istess minuri se jkollu jkun maqsum bejniethom b’mod li ma tgawdihomx flimkien. Indubbjament ukoll huma ġenituri tajbin u jafu jieħdu deċiżjonijiet tajbin għal binthom.

Illi madankollu l-Qorti anke fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell, taqbel mal-perit legali li f’każi bħal dawn kura u kustodja konġunta tista’ toħloq ħafna aktar problemi u għalhekk mhijiex indikata. Minħabba x-xogħol u fatturi oħra huwa ndikat li l-kura u kustodja tiġi affidata lill-attriċi.

Illi l-Qorti taqbel mas-suġġeriment tal-perit legali li l-konvenut ikollu aċċess ta’ disgħa siegħat fil-ġimgħa maqsuma fi tlett darbiet kif miftehma bejn il-partijiet. Għandu jkun hemm ukoll ħinijiet itwal f’ċerti ġranet kif se jkun indikat fil-partijiet dispożittivi tas-sentenza. Peress li l-Qorti hija konxja tal-problemi li sistematikament inqalgħu waqt l-aċċess, se jkollha tipprova taħseb għal kull problema anke jekk dan huwa diffiċli ħafna.

MANTENIMENT

Illi anke f'dan l-aspett il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali u skans ta' ripetizzjoni tikkondividi li l-konvenut għandu jħallas alimenti ta' sittin Ewro (€60) fil-ġimgħa għall-minuri.

Illi fir-rigward tal-manteniment mitlub mill-attriċi, fis-sentenza **"Lea Tabone vs Jesmond Tabone"** (2 ta' Ottubru 2003) intqal illi l-fatt li l-mara ma taħdimx ma jfissirx li din ma għandhiex il-potenzjal li taħdem u tiġġenera introjtu. L-avvanz tal-mara ġab miegħu ukoll responsabiltajiet fuq il-mara. Ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbiltajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwardja manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' r-responsabbiltajiet għal dak li jirrigwardja l-manteniment tal-familja.

Illi rigward manteniment għall-attriċi filwaqt li huwa minnu li għadha ta' eta' żgħira biżżejjed biex timpjega ruħha, il-Qorti jidhrilha li dan il-pass s'issa hija m'għamlitux minħabba l-eta' żgħira ħafna tal-minuri u għalhekk se takkorda manteminent anke għall-attriċi fis-somma ta' erbgħin Ewro(€40) fil-ġimgħa għall-perjodu ta' tlett snin sakemm ma ssibx impjieg qabel.

QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI

Illi l-attriċi ndikat li l-partijiet għandhom id-dar konjugali il-Fgura proprjeta' tagħhom; anke hawn il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-perit legali li din għandha tinbiegħ u r-rikavat jinqasam – naturalment salv l-ammont li jkun ħallas l-intimat lill-Bank li jkollu dritt li jippreleva minn qabel.

Illi l-attriċi tablet li hija tibqa' tgħix fid-dar sakemm il-minuri tikber iżda l-Qorti tifhem li ma jkunx ġust għall-konvenut li huwa jibqa' jħallas il-Bank meta ilu ma jgħix fid-dar is-snin. Madankollu se tordna li l-bejgħ isir wara li jgħaddu tmintax-il xahar mill-pronunzjament tas-sentenza biex tagħti ċans lill-attriċi taħseb għat-translok speċjalment fl-interess tal-minuri.

Illi kwantu għall-qsim tal-beni tal-partijiet u ħlasijiet dovuti minnhom il-Qorti tikkondividi pjenament dak imniżżel fir-relazzjoni peritali u għalhekk a skans ta' ripetizzjoni qed tagħmel tagħha u tiddikjara li jifformaw parti mill-istess sentenza l-konsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet kontenuti a fol 1420 sa 1425 tal-proċess u mmarkati D4.5 sa D73 – salv il-konteġġi li l-Qorti qed tirrevedi. Billi l-kreditu tal-konvenut jeċċedi dak tal-attriċi fis-somma ta' ċirka għaxart elef Ewro (€10,000), il-Qorti se tordna li dan il-ħlas isir malli tinbiegħ il-proprjeta'.

**DEĊIŻJONI**

**Illi għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi din l-kawża billi:**

**1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirreġistra dan skond il-liġi;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri D f'idejn l-attriċi b'dan li l-konvenut ikollu aċċess ta' darbtejn (2) fil-ġimgħa għal tlett (3) siegħat kull darba bi ftehim ma' l-attriċi, u s-Sibt jew il-Ħadd alternattivament għal erba' (4) siegħat – (il-konvenut għandu dejjem jinforma lill-attriċi bil-ħinijiet tax-xogħol tiegħu minn sebat (7) ijiem qabel l-ewwel ġurnata tal-aċċess); fil-Father's Day huwa għandu jkollu aċċess ukoll miżjud ta' erba' (4) siegħat filwaqt li fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena għandu jkollu aċċess ta' erba' (4) siegħat u sagħtejn (2) alternattivament, fis-sens li sena jieħu lill-minuri fil-Milied u sena ta' wara fl-Ewwel tas-Sena, kull darba għal erba' (4) siegħat. Fil-*birthday* tat-tifla għandu jkollu aċċess miżjud ta' tlett (3) siegħat dejjem jekk ma jinzertax fil-ġranet li xorta jkollu aċċess.**

**3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' sittin Ewro (€60) fil-ġimgħa lill-attriċi għall-manteniment tal-minuri, u erbgħin Ewro (€40) fil-**

**ġimgħa għall-istess attriċi – dan tal-aħħar għall-perjodu ta' tlett snin jew sakemm l-attriċi timpjega ruħha, dejjem *rebus sic standibus;***

**4. Tilqa' r-raba' talba;**

**5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna li d-dar konjugali li ġġib in-numru ______________________________________** *(omissis)* **għandha tinbiegħ bis-subasta wara li jgħaddu aktar minn tmintax-il xahar mill-llum a bażi tal-prezz indikat mill-Perit Arkitett A.I.C. Ruben Borg, u ċjoe' s-somma ta' mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u ħamsin Ewro (€186,350) u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet wara li l-konvenut jippreleva s-somma li huwa jkun ħareg għall-ħlas lura tas-self mill-Bank *oltre* s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) ġja' fuq imsemmija, u l-attriċi tippreleva s-somma ta' għaxart elef, seba' mija u sebgħa u sittin Ewro (€10,767) għall-ħlasijiet li hija għamlet qabel iż-żwieġ kif indikat a fol 1423 tal-proċess; il-kontijiet bankarji kollha ndikati a fol 1420 u 1421 għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partjiet, iżda l-kont intestat f'isem il-minuri għandu jibqa' miftuħ f'isem l-attriċi bħala kuratriċi tagħha; l-attriċi għandha tirritorna lill-attur ir-rigali tat-tieġ mogħtija mil-famija tiegħu ndikati fil-paragrafu 128 tal-affidavit tiegħu; l-attriċi qed tiġi assenjata l-mobbli kollha fid-dar *eccetto* l-*'computer desk and chair'* u *'stained glass grinding machine'* li qed tiġi assenjata lill-konvenut;**

**6. Billi mhemmx lok li tintlaqa' s-sitt talba tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;**

**7. In vista tal-premess tilqa' s-seba' talba attriċi għal perjodu ta' tmintax-il xahar mil-lum.**

**8. It-tmien talba ġiet milqugħa b'effett tal-ħames talba;**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------